

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti f'din il-kawża kkonkludiet diversi kuntratti mal-Kummissjoni, fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, kollha rregolati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 3834, tat-23 ta' Ottubru 2003, li tinkludi kuntratt standard FP 5 jew FP 6 u l-kundizzjonijiet ġenerali FP 5 u FP 6.

Abbażi tar-riżultati ta' proċedura ta' investigazzjoni mwettqa mill-OLAF u ta' verifika mwettqa mill-Kummissjoni dwar l-imsemmija kuntratti, din tal-aħħar adottat deċiżjoni li li tirrevoka s-sussidji.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinwoka tmien motivi.

- (1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, minħabba l-metodu ta' eżekuzzjoni tal-imsemmija verifika.
- (2) It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li r-rikorrenti qatt ma ġiet informata bil-kuntest legali applikabbli.
- (3) It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur mill-istituzzjoni konvenuta tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti.
- (4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza, minħabba t-ton użat mid-DĠ INFSO fir-rapport ta' verifika tiegħu.
- (5) Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministratezzjoni tajba, li jirriżulta huwa stess mill-ksur tal-obbligu ta' imparzjalità u ta' ekwità li għandhom l-awdituri.
- (6) Is-sitt motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, b'mod partikolari fir-rigward tan-nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-awdituri esterni u l-orijini stess tal-proċedura ta' verifika.
- (7) Is-seba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
- (8) It-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal privatezza.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Marzu 2012 — FunFactory vs UASI (Trade mark tridimensjonali fil-forma ta' vibratur)

(Kawża T-137/12)

(2012/C 157/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: FunFactory GmbH (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentant: K.-D. Franzen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata (R 1436/2011-4) tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tad-19 ta' Jannar 2012;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-proċedimenti ta' appell.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark tridimensjonali fil-forma ta' vibratur (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 9 390 691) għal prodotti fil-klassi 10.

Deċiżjoni tal-eżaminatur: applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud.

Motivi invokati: interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija ta' karattru distintiv u ma tiddekrivix il-prodotti inkwistjoni; ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit fl-Artikolu 73(1) tar-Regolament Nru 207/2009 u tad-dritt għal smiġh.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2012 — Geipel vs UASI — Reeh (BEST BODY NUTRITION)

(Kawża T-138/12)

(2012/C 157/18)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Yves Geipel (Auerbach, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Sachs avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jörg Reeh (Buxtehude, il-Ġermanja)

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Jannar 2010 u tiċħad l-oppożizzjoni tal-24 ta' Lulju 2009;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-kawża u għall-ispejjeż inkorsi fil-kuntest tal-proċedimenti tal-appell;

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrent

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva “BEST BODY NUTRITION” (Reġistrazzjoni internazzjonali Nru W 982 101, li tindika l-Unjoni Ewropea) għal prodotti fil-klassijiet 25, 28, 29, 30 u 32

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Jörg Reeh

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark verbali Komunitarja Nru 4 020 161 “BEST4BODY” għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ma hemm ebda probabbiltà ta’ konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti

Rikors ippreżentat fil-11 ta’ April 2012 — Ternavsky vs Il-Kunsill

(Kawża T-163/12)

(2012/C 157/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Anatoly Ternavsky (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: C. Rapin u E. Van den Haute, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara li dan ir-rikors huwa ammissibbli;

— tannulla l-punt 2 tal-Anness II Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/171/PESK, tat-23 ta’ Marzu 2012, li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja, u l-punt 2 tal-Anness II Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 265/2012, tat-23 ta’ Marzu 2012, li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi firrigward tal-Bjelorussja;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha;

— fl-eventwalità li l-Qorti Ġenerali jkollha tiddeċiedi li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni, tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż b’applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 87(6), u tal-Artikolu 90(a) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvolva tliet motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq l-istabbiliment manifestament żbaljat tal-fatti dwar dak li jkkonċerna r-raġunijiet li wasslu għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista ta’ persuni ssanzjonati, imsemmija mill-atti tal-Kunsill.
- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta’ motivazzjoni suffiċjenti tal-atti kkontestati, safejn ir-raġunijiet indikati ma huma ta’ ebda utilità biex tintfieh in-neċessità ta’ din l-inklużjoni.
- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK u tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, kif emendati, u l-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni minn naħa waħda, sa fejn il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawn l-atti kien ġie estiż għal negozjant mingħajr ma ġie muri appoġġ għall-azzjonijiet tar-reġim tal-President Lukashenko li jistgħu jiġu lili attribwiti u, min-naħa l-oħra, sa fejn negozjanti oħra, li l-Kunsill kien jikkunsidrhom wkoll bħala li kienu qrib il-gvern tal-Bjelorussja, ma ġewx, kuntrarjament għal dak li ġara fil-każ tar-rikorrent, inklużi fil-listi Ewropej ta’ sanzjoni.